V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10064 - AnaCap/Carrefour/Market Pay)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 38/02)

1. Fis-27 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— AnaCap Financial Partners III, L.P (ir-Renju Unit), ikkontrollata minn AnaCap Group Holdings Limited ("AnaCap", ir-Renju Unit),

— Carrefour S.A. ("Carrefour", Franza),

— Market Pay SAS ("Market Pay", Franza), bħalissa kkontrollata minn Carrefour.

AnaCap u Carrefour jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Market Pay.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— AnaCap: fond ta' ekwità privata bbażat fir-Renju Unit u stabbilit fl-2005. Sa mill-bidu tagħha, AnaCap sponsorjat il-ġbir ta' fondi li jagħmlu investimenti f'opportunitajiet ta' negozju fis-settur tas-servizzi finanzjarji Ewropej. Anacap Financial Partners III, L.P huwa t-tielet fond ta' ekwità privata miġbur minn AnaCap;

— Carrefour: grupp globali bil-kwartieri ġenerali fi Franza li jispeċjalizza fin-negozju tal-bejgħ bl-imnut ta' prodotti tal-ikel u prodotti mhux tal-ikel (pereż. stazzjon tal-gass, aġenzija tal-ivvjaġġar, u bank għall-konsumatur);

— Market Pay: tipprovdi soluzzjonijiet ta' pagament u hija bbażata fi Franza u stabbilita fl-2016 minn Carrefour.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10064 — AnaCap/Carrefour/Market Pay

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË